GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR260960 | 01.06.2026 | 1 |
|---|---|---|

**<u>STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU</u>**

***Messaġġ lin-nazzjon mill-Prim Ministru Robert Abela***

**It-Tnejn, 1 ta' Ġunju 2026**

Insellmilkom.

Nhar is-Sibt, il-poplu Għawdxi u Malti kellu għażla quddiemu.

Għażla dwar il-futur li jixtieq li jkollu pajjiżna.

B'determinazzjoni ċara, il-poplu ddeċieda li jrid jerġa' jislef il-fiduċja tiegħu lili u lit-tim li jien immexxi.

Din hija l-ewwel darba fl-istorja ta' pajjiżna li moviment politiku ġie fdat għar-raba' darba konsekuttiva b'mandat elettorali.

Għażla għaldaqstant storika, f'mument importanti ħafna.

Mument fejn filwaqt li madwarna l-isfidi qed ikomplu jiżdiedu, aktar qed tissoda r-rieda tal-poplu tagħna biex ikollna kwalità ta' ħajja aħjar f'Malta aqwa.

Din kienet propju l-ispirazzjoni tal-manifest elettorali li ressaqna quddiem il-poplu.

Manifest elettorali li issa sar il-programm ta' ħidma tagħna bħala Gvern.

Programm li huwa wieħed komprensiv biex inkunu miegħek f'kull pass tal-ħajja.

Ħajja li rridu nagħmluha eħfef, isbaħ u aħjar.

Fl-aħħar snin, pajjiżna għamel qabża ekonomika bla preċedent.

Is-saħħa ekonomika tagħna qed tippermettilna nkunu ta' tarka għall-poplu tagħna.

Se nibqgħu ffukati biex inkomplu nagħtu ċ-ċertezza, l-istabbiltà u s-serħan il-moħħ ħalli nipproteġu lilkom il-familji, il-qalb ta' dan il-pajjiż.

Fiż-żmien li ġej, irridu nżommu l-magna ekonomika ta' pajjiżna għaddejja biex il-proposti li tajtuna mandat b'saħħtu fuqhom, nimplimentawhom u ntejbu l-*wellbeing* tiegħek u tal-għeżież tiegħek.

Se nkomplu nwettqu l-bidliet u l-investiment meħtieġ ħalli din il-magna ekonomika tibqa’ tevolvi u tkompli tkun l-aqwa waħda fl-Ewropa.

Hekk biss inkunu nistgħu nwettqu l-programm ta’ investiment soċjali qawwi li ħaqqu l-poplu tagħna.

Int min int u rrispettivament f’liema fażi tal-ħajja tinsab, irridu nagħtuk l-aqwa ħajja possibbli.

Irridu nagħtuk aktar ħin għalik u għall-familja tiegħek.

Flimkien ħlomna affarijiet kbar bħala pajjiż magħqud u meta konna hekk, dejjem wasalna.

Issa rridu nitilgħu għal-livell li jmiss.

Tellaqna pjan ħolistiku għal pajjiżna, il-Viżjoni Malta 2050.

Pjan b’diversi pilastri u li fih jinkludi programmi kbar:
- Ir-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.
- Il-pjan Malta in Motion.
- L-istrateġija għas-settur tal-enerġija.
- L-investment qawwi fis-sistema tas-saħħa pubblika.
- U Għawdex gżira ta’ villaġġi.

Dan kollu kien inkluż fil-manifest elettorali.

Programm ambizzjuż, li t-tim tiegħi u jien se nkunu kapaċi nwettqu flimkien, biex ilkoll niktbu l-kapitlu li jmiss ta’ Malta li tant inħobbu.

U se nibqgħu pajjiż ta’ suċċess jekk nibqgħu magħqudin u jekk nibqgħu nemmnu f’Malta.

Jien nemmen fikom għax intom Malta.

Il-ħolma tagħkom hija l-proġett tagħna.